EWRIPIDI

# MEDEA



PJ 9700
.F99
F76
P.B. 205F

maqluba għall-Malti
minn
OLIVER FRIGGIERI

UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY

Progressive No. of Work 177406

No. of Volumes One

Class Mark PJ 9700.E99F76

Melitensia P.B.205 E

Remarks
gift of
Oliver Friggieri

301423

*177406*

PJ 9700 E 94 E 76
PB
UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# MEDEA

*Quddiem id-dar ta' Ġjażun f'Korintu*

MREDDGĦA Mhux li kien li l-mirkeb Argu qatt ma ttajjar
bejn is-Simplégadi kaħlana sa l-art tal-Kolki,
u l-arżnu maħsud b'mannara fil-widien ta' Peljon
qatt ma waqa', u ma meliex bl-imqadef
l-idejn ta' nies qalbiena, li b'amar ta' Peljas
marru jfittxu l-ġeżża suf dehbi tan-ngħaġ.
Sidti Medea ma kienet qatt tbaħħar lejn il-ħitan għolja
ta' Jolku, b'qalbha mfawra għal Ġjażun bl-imħabba,
anqas ma kienet twassal lill-ulied bniet ta' Peljas
biex joqtlu lil missierhom, anqas issa f'din l-art ta' Korintu
ma kienet tgħammar ma' żewġha w uliedha.
Hi henniet lin-nies li fit-turfien tagħha tawha merħba,
waqt li għoġbot lil Ġjażun fil-ħwejjeġ kollha.
Din hi tassew il-ħaġa li twitti kollox —
li l-mara ma tinfatamx minn xewqet żewġha.
Iżda issa l-mibegħda kullimkien infirxet u l-imħabba mardet.
Għaliex, wara li ħalla wrajh lil uliedu u lil sidti,
Ġjażun iżżewweġ lil waħda bint is-slaten,
it-tifla tal-ħakem ta' din l-art, Kreon.
U Medea msejkna, imweġġgħa, tolfoq u tgħajjat
il-wegħdiet li għamlu lil xulxin bl-idejn il-leminija,
issejjaħ lill-allat biex huma jixhdu
kif Ġjażun raddilha mħabbitha lura.
Ma tridx titrejjaq, intelqet għal kollox fid-diqa tagħha,
u taħli fix-xejn kull waqt tal-jum titbekka.
Dan hu li għamlet minn meta sfat imkasbra minnu.
Ma tħarrikx għajnejha, mill-art ma tgħollix wiċċha,
mhux aktar minn blata jew minn mewġ imqanqal
ma tisma' meta tingħata minn ħbiebha kelma tajba.
Ħlief li xi drabi ddawwar rasha ħelwa
u tokrob weħidha, u ssejjaħ l-isem ta' missierha,
u lill-art tagħha, u 'l darha li hi ċaħdet
biex tiġi hawn ma' dan ir-raġel li qiegħed iżeblaħha.
Medea msejkna! Issa waqt li tbati tista' tifhem
kemm huma mbierka dawk li ma jinqalgħux minn art twelidhom.
Hi tobgħod lil uliedha; xejn ma tifraħ anqas jekk tilmaħhom.
Nibża' li qiegħda tmaħħaħ ħsieb tal-biża'.

177406

Ruħha ħraxet u m'hix se tasal tħalli
lil min jagħmlilha dan. Jien nafha u nibża'
li ma tmurx titlaq bil-moħbi lejn sodditha,
issinn sikkina u qalbha xxoqqha biha.
Jew toqtol lis-sultan u lill-għarusa li għadha kemm iżżewġet,
u tniżżel niket akbar fuqha nnifisha.
Din mara mqita. M'hemm ħadd li jagħmel għadu minnha
u dlonk jirbħilha. Iżda ara ġejjin uliedha,
għadhom kemm waqfu mil-logħob tagħhom.
Anqas ħjiel m'għandhom tad-daqqa qalila li qalgħet ommhom.
Żgħar għadhom, u ż-żgħar mhux lakemm jaħbtu jitnikktu.

*Jidħol l-GĦALLIEM flimkien maż-żewġ ULIED SUBIEN ta' MEDEA*

GĦALLIEM Inti qaddejja xiħa li tħares id-dar ta' sidti,
għaliex intasabt waħdek hawn quddiem il-bieb,
titbekka lil xortik bejnek u bejn ruħek?
Medea m'hix se tixtieq li inti tħalliha weħidha.
MREDDGĦA Xwejjaħ u għalliem ta' wlied Ġjażun,
jekk qaddejja hi twajba, iġġarrab hi wkoll id-diqa f'qalbha
meta x-xorti ħażina tmissha lis-sidt tagħha.
Mela jiena nnifsi waqajt ukoll f'dan-niket kollu
li kelli nixref hawn barra
u ntarraf l-hemm ta' sidti lill-art u s-sema.
GĦALLIEM Mara tassew imsejkna!
Għadha s'issa ma waqfitx tolfoq?
MREDDGĦA Waqfet? Għadha kemm bdiet
u lanqas ħliet nofs dmugħha.
GĦALLIEM Belha msejkna — jekk lil sidti nista' nsejħilha b'dan
l-isem —
kemm xejn ma taf bit-twegħir li għad irid jaslilha.
MREDDGĦA Xi trid tfisser, xwejjaħ?
M'għandekx għalfejn tibża' titkellem.
GĦALLIEM Le, xejn ma ġara. Jisgħobbija li ftaħt ħalqi.
MREDDGĦA Ara, aħna t-tnejn ilsiera; taħbi xejn minni.
Jekk hemm il-ħtija, jien naf nitboq fommi.
GĦALLIEM Jien smajt lil xi ħadd igħid, meta jien innifsi
bħalkieku ma kontx nisma', meta kont hemm
fejn jintasbu x-xjuħ jilagħbu d-dadi,
biswit in-nixxiegħa mqaddsa,
li Kreon, il-ħakem ta' din l-art, lil dawn is-subien
u 'l ommha qatagħha li jtellaqhom 'il barra minn Korintu.
Iżda jekk kulma qal hux minnu jew m'hux minnu
jien xejn ma naf. U jien li m'hux nittama.
MREDDGĦA U jista' Ġjażun iħalli jsir dan kollu
lil uliedu, għalkemm hu m'hux ħabib ta' ommhom?
GĦALLIEM Rabtiet ġodda jidħlu flok rabtiet qodma. Xejn aktar
Ġjażun m'għadu jħoss għal din id-dar tagħna.
MREDDGĦA Mitlufin aħna, jekk naslu għawġ ġdid inżidu
ma' l-għawġ qadim, qabel ma dan inkunu ħlisna minnu.

GĦALLIEM Iżd'inti iskot, żomm kulma taf għalik,
dan m'hux il-waqt li ttarraf kollox lil Medea.

MREDDGĦA Tisimgħu, tfal, x'missier hu dan għalikom?
Is-saħta tiegħi — le, le, ebda saħta. Huwa s-sid tiegħi.
Madankollu jaħti li naqas lill-għeżież li għandu.

GĦALLIEM Liema hu l-bniedem li xejn ma jaħti?
Sa llum domt biex intbaħt
li kulħadd iħobb lilu nnifsu aktar milli jħobb lil għajru?
Xejn dawn it-tfal ma jfissru għal missierhom
li ħabb lil mara ġdida.

MREDDGĦA Idħlu ġewwa, tfal. U din hi l-aħjar ħaġa.
U inti qis li kemm tista' żżommhom weħidhom,
sakemm hi tibqa' mitlufa f'did-dagħdigħa,
la tħallihomx imorru għandha.
Għax jiena rajtha tħares bl-herra lejhom
bħalkieku kellha f'moħħha xi ħsieb ikreh,
u dan jien nafu: m'hix se tieqaf tagħdab
qabel ma taħbat għal xi ħadd.
U jalla jkun xi għadu, mhux ħabib, li jwaġġa'.

*Leħen MEDEA jinstema' minn ġewwa d-dar*

MEDEA Ah, imsejkna jiena! Mitlufa fi ħsibijieti,
nixtieq, nixtieq li mmut.

MREDDGĦA X'għedtilkom jien, tfal għeżież? Ommkom
qed tkidd lil qalbha u tkiddha bl-għadab kollu.
Iss'idħlu d-dar u bilġri,
u tħalluhiex tilmaħkom,
xejn tersqu qribha, iftħu għajnejkom
għax f'dak il-moħħ kburi hemm qilla w qrusa.
Mel'issa morru! Fittxu idħlu ġewwa.

*It-TFAL jidħlu flimkien ma' l-GĦALLIEM*

Naf li ma ddumx ma tixħet berqa
fis-sħaba tat-tnehid tagħha li qiegħda timtela
bi tqanqila dejjem tikber. Min jaf x'se tagħmel,
kburija bla ħadd ma jista' jżommha,
ruħ li t-tkasbir sawwatha?

MEDEA M'iniex inbati? Ma ġarrabtx imrar? Kif nista' ma nibkix?
Ulied ta' omm mibgħuda. Jien nisħet lilkom
u nisħet lil missierkom.
U mhux li kien tiġġarraf did-dar kollha!

MREDDGĦA Nitħassrek, ħlejqa msejkna.
Kif jistgħu uliedek jaħtu fil-ħażen
ta' missierhom? Għaliex tobgħodhom?
Kemm nibża', tfal, li jiġrilkom xi ħaġa!
Il-moħħ ta' sultana ta' min jitbeżża' minnu,
għaliex hi mdorrija tamar lil ħaddieħor,
bla ħadd ma jliġġem lilha.

Qillitha jekk titqanqal qajla tista' titraqqad.
Kemm huwa aħjar li tkun taf kif tgħammar
man-nies l-oħrajn u bħalhom f'kollox.
Ebda ħajja kbira għalija,
sliem u ħemda jien u nixjieħ nixxennaq,
it-triq nofsana minn isimha tidher l-aħjar waħda,
l-aħjar ukoll għal kulħadd fil-ħajja nnifisha.
Ebda riżq l-għana u s-setgħa ma jroddu.
Meta l-allat jiqlielu, ħerba akbar jixħtu
fuq id-djar ta' nies kbar.

*Jidħol il-Kor ta' nisa minn Korintu*

KOR Jien smajt leħinha, smajt il-karba
tat-tifla msejkna minn Kolku.
Għidli, xwejħa, għadha titbekka
bla ma sabet is-serħan tagħha?
Minn ħdejn il-bibien tad-dejr
smajt it-tnehid tagħha. Qalbi tbati
meta dar Ġjażun tkun qiegħda tbati.
Għax jien lejha nxaqleb.
MREDDGĦA M'hemmx dar. Intemmet u m'hix aktar.
Żewġha issa daħal f'sodda ta' sultana
u Medea tinsab f'kamritha
iddewweb fid-dmugħ ħajjitha.
Ebda kelma tal-ħbieb ma tista' troddilha l-faraġ.
MEDEA *(minn ġewwa)* Ejja, ħuġġieġa tas-sema,
inżel infidli rasi.
X'se nieħu jekk ngħix aktar?
Ah, kemm nobgħod ngħix.
Nixtieq lil ħajti ntemmha, inħalliha warajja, u mmut.
KOR Oh Zeus, ja Art, ja Dawl,
tisimgħu din it-talba mkarkra
ta' mara miżżewġa mitlufa fin-niket tagħha?

*Idur lejn il-bieb u jkellem lil MEDEA*

X'inhu dal-ġenn? Is-sodda li inti tixxennaq
m'hix dik li l-oħrajn jitmeżmżu minnha?
Hijiex il-mewt din li int tixxennaq?
Dik it-talba titlobhiex, Medea!
Jekk żewġek intrebaħ minn imħabba ġdida,
din ġrajja li sikwit isseħħ;
tħallihiex timliek b'dan l-għadab.
Zeus jerfa' l-għajta tiegħek.
Ražżan din id-diqa mqanqla li tnisslet għal żewġek
u qiegħda fix-xejn ix-xejn teqirdek.
MEDEA Temi setgħana! Artemidi waħxija!
Tarax kif żewġi misħut qiegħed jaħdimni
minkejja l-ħalfiet kbar li rbattu bihom?

Kemm nixtieq nara lil Ġjażun u lil għarustu
jintaħnu biċċiet fid-dejr imfarrak tagħhom
għall-ħażen li waslu jagħmluli, bla ma jien ħajjarthom!
Missier, belt tiegħi, jien warajja ħallejtkom;
lil ħija jien bla mistħija qtiltu!

MREDDGĦA Tisma' x'inhi tgħid sidti,
hi u ssejjaħ b'leħen għoli lil Temi, hi li t-talb tisimgħu,
u lil Zeus, meqjus bħala l-għassies ta' ħalfiet il-bniedem?
Mhux lakemm tintefa
dagħdigħa bħal din tagħha.

KOR Nixtieq li tixref hawn barra u tħallina narawha
u nitħaddtu magħha; jekk tasal tisma'
għandha mnejn din is-saħna ta' tmaqdir imqit tmurilha.
Bħala ħabib jien ħerqan nagħmel kulma nista'.
Mur, fehemha biex toħroġ hawn ħdejna.
Għarrafha li aħna nxaqilbu magħha.
Ħaffef, qabel ma tagħmel xi ħsara 'l dawk li jinsabu ġewwa.
Din id-dagħdigħa hi bħal għargħar li ħadd ma jżommu.

MREDDGĦA Se mmur. Nibża' li ma nasalx infehemha.
Xorta nifraħ li nagħmel kulma nista'.
Iżda malli xi ħadd minna l-qaddejja
jersaq lejha, u jfittex li jkellimha,
hi bħal barri miġnun tħares imqita lejna,
jew bħal dorbies li tgħasses iż-żgħar tagħha.

*L-IMREDDGĦA tmur sal-bieb u ddur*

In-nies tal-qedem għaqal ftit kellhom,
qajla titqarraq jekk issejħilhom boloh.
Ħolqu l-għanjiet, u l-ħlewwa kollha ta' l-għana,
biex jimlew l-għidien, l-ikliet u l-jiem kbar tagħhom.
Iżda ħadd minnhom ma tnebbah
kif waqt li jdoqq u jgħanni
ikeċċi l-qrusa u t-tbatijiet tal-ħajja.
In-niket jaħti kollox
tal-mewt u l-għawġ u d-djar meqruda.
Ikollu fejda l-għana kieku jsewwi n-niket;
iżda għalfejn tgħanni l-għanjiet wara ikla tajba?
Meta n-nies jimtlew huma hienja biżżejjed.

*L-IMREDDGĦA tidħol ġewwa*

KOR Smajtha tolfoq u titniehed,
tgħajjat u waqt li twerżaq tixli
lil żewġha li ċaħadha.
Issejjaħ lil Temi, bint Zeus,
li ratha tagħmel dawk il-wegħdiet li ġarruha
matul il-medda bejn l-Asja u Ħellas,
meta firxet qlugħha bil-lejl,
u għaddiet mill-mogħdija dejqa mielħa
li tagħti għall-baħar mingħajr qies.

*MEDEA toħroġ. M'hix imkissra bil-biki, iżda kalma u f'sikkitha*

MEDEA Nisa ta' Korintu, ma rridkomx taslu twiddbuni,
ghalhekk ħriġt. Bosta, jien naf, huma kburin f'qalbhom
fi djarhom jew barra. Iżda oħrajn jingħad fuqhom
li huma fiergħa, u dan biss għax ħadd ma jisma' bihom.
M'hemmx ħaqq fl-għajnejn widdieba tad-dinja.
Ma jistennewx biex jifhmu x'inhi l-aqwa xeħta ta' bniedem.
Għad li ebda ħażen ma jsirilhom, ħarsa waħda, u jobogħdu.
Tassew li barrani jkollu jaqbel magħhom;
Grieg ukoll m'għandux idejjaq lil sħabu billi jwebbes rasu.
Nibqa' fejn għandi noqgħod; iżda din id-daqqa li ngħatatli
ma kinitx mistennija. Lil qalbi qasmithieli.
Ebda ferħ ma fadlilha l-ħajja, ħbieb. Nixtieq immut.
Ġjażun kien il-milja ta' ħajti; u dan hu jafu sewwa.
Issa fost il-bnedmin jistħoqq l-akbar stmerrija.

Tassew, fost il-ħlejjaq li għexu w li għad igħixu,
aħna n-nisa l-akbar imsejkna. Meta, bi flejjes tajba,
nixtru raġel, imbagħad irridu neħduh b'sid ta' ġisimna.
U dan biex ħażen jitħażżen b'ħażen akbar.
Imbagħad il-mistoqsija kbira: ikun ir-raġel li nieħdu
ħażin jew tajjeb? Għan-nisa l-firda
ma fiha ebda ġieh. U r-raġel lanqas biss jista' jitkeċċa.
U aktar, mara barranija, li tiġi biex issib ruħha
fost liġijiet u drawwiet ġodda, teħtieġ ħila ta' saħħara
biex tagħraf kulma darha qatt m'għallmitha,
kif iġġib ruħha mar-raġel li torqod f'sodda miegħu.
U jekk nirnexxu f'din il-ħidma tqila,
u żewġna ma jbatix taħt il-madmad,
ħajjitna mela ta' min igħir għaliha.
Inkella, aħjar il-mewt. Jekk raġel jixba'
b'seħbitu d-dar, hu jista' joħroġ
u jsib id-duwa tad-diq tiegħu. Aħna n-nisa
irridu nħarsu biss lejn raġel wieħed.
U, igħidulna, aħna fid-dar imbiegħda
minn kull twegħir ngħammru, huma joħorġu għat-taqbida: boloh!
Aħjar għalija noqgħod tliet darbiet fl-ewwel ringiela
milli nwelled tarbija waħda.
Iżda dawn il-ħsibijiet ma jgħoddux għalikom w għalija.
Intom għandkom dil-belt, id-dar ta' missierkom,
l-hena ta' ħajjitkom, il-ħarsien ta' ħbiebkom.
Jien waħdi; ebda belt m'għandi; issa żewġi
qiegħed ikasbarni. Jien insraqt minn art
fuq xifer id-dinja. M'għandix ommi, ħija,
lil ħadd minn nisli m'għandi biex indur lejh
f'dil-qagħda mwiegħra.
Mela, talba waħda nagħmel. Jekk nasal
insib kif nitħallas minn Ġjażun tal-ħsara li għamilli,

la tgħidu xejn. Mara hi dgħajfa u ġwejda f'bosta ħwejjeġ.
Il-ħsejjes tat-taqbid, id-dehra ta' l-azzar dlonk ibeżżgħuha.
Missilha biss il-jedd taż-żwieġ, u għaliha
xejn m'hu mdemmi aktar.

KOR Jien kif trid int se nagħmel. Ġjażun jistħoqq ħlasu.
Xejn ma nistagħġeb li dal-ħsarat jaqsmulek qalbek.

*Jersaq* KREON

Iżda ara, Medea, qiegħed nilmaħ lil Kreon,
is-sultan ta' Korintu;
naħseb li ġej itarraflek fehmtu ġdida kif qatagħha.
KREON Int hemm, Medea, li l-għadab tiegħek qiegħda taħarqu fuq żewġek!
Namarlek toħroġ minn Korintu; ħu miegħek lil uliedek
u mur 'il barra. Ħin taħlix. Jien hawn biex nara
li dan l-amar iseħħ. U m'iniex se mmur lura f'dari
qabel ma nserraħ rasi li inti tlaqt lilhinn mit-truf ta' arti.
MEDEA Dan mela hu t-tmiem qalil ta' ħajti misħuta!
L-egħdewwa tiegħi qamu b'qawwithom kollha;
ebda xtajta ħanina ma tistennieni biex tilqagħni u teħlisni.
Imkasbra kif jiena, Kreon, nistaqsi:
għal liema ħtija se tixħetni 'l barra?
KREON Jien nibża' minnek. Għalfejn nostor is-sewwa?
Nibża' li 'l binti tagħmlilha ħsara li b'xejn ma tissewwa.
Bosta ħwejjeġ qegħdin ikabbru t-tħassib tiegħi.
Int mara li jilħaqlek, imħarrġa f'ħafna snajja' qarrieqa;
ma tistax tidħol fis-sodda ta' Ġjażun, u dan jimliek bil-qilla.
Waslulu xnigħat li int heddidt bi kliemek
li titħallas minn Ġjażun u minn għarustu u minn missierha.
Jien se nitħarrek l-ewwel, mela, biex naqbeż għalija nnifsi.
Nagħżel li nagħmlek għadu tiegħi issa,
milli niddgħajjef, imbagħad inħallas bi dmugħi.
MEDEA L-isem li ħadt, mill-ġdid. Bosta drabi, Kreon,
ix-xnigħat fuqi kienu s-saħta u l-ħerba tiegħi.
Bniedem li jilħaqlu qatt m'għandu jħalli lil uliedu
jitgħallmu jħaddmu moħħhom aktar minn sħabhom.
X'se tieħu jekk jilħaqlek moħħok?
Dan kollu jqanqal l-għira w xewqat koroh.
L-oħrajn nieqes narawk mill-għaqal, ibleh
għax hekk jaqblilhom, meta tgħarrafhom ħwejjeġ ġodda.
U dawk li jidhru għorrief, jekk in-nies iqisuk ogħla minnhom,
dil-ħaġa m'humiex se jaqblu magħha.
Dan nafu minn tiġribi; la jilħaqli moħħi
huma għajjurin għalija; l-oħrajn jistmerruni.
Wara kollox, l-għaqal tiegħi ma jwassalx sa hawn.
Mela inti, Kreon, qiegħed tibża' — minn xiex?
Xi ħsara li nista' nagħmel lilek?
Tħallinix inħassbek. M'għandix saħħa

— jien mara — li nagħmel ħsara 'l sultan.
Int għamilt ħsara lili.
Int tajt lil bintek lir-raġel li għażiltilha.
Jien nobgħod lil żewġi, tassew; iżda inti kull jedd kellek
li tagħmel kif għamilt. Mela xejn ma ngħir issa
għall-hena tiegħek; żewweġ lil bintek lilu,
u r-rizq għalikom. Iżda ħallini ngħix f'Korintu.
Ħsarati se nġorrhom fis-skiet, milwija taħt saħħa akbar.

KREON Kliemek ħanin, iżda demmi jiksaħ meta naħseb
x'nasbiet għandek mnejn qiegħda tinseġ f'qalbek.
Fis-sewwa, nafdak issa wisq inqas minn qabel.
Mara mgħaddba — u raġel hekk ukoll —
m'hix għadu qalil daqs mara ħiemda li jilħqilha.
Mela itlaq 'il barra, minnufih! Ma nħaqquhiex aktar.
Jien issa qtajtha; int l-għadu tiegħi. Ebda ħżunija
ta' moħħok m'hi se twasslek tibqa' fil-belt tiegħi.

MEDEA Għarkobbtejja mmil quddiemek, nitolbok
f'ġieh l-għarusa żagħżugħa, bintek.

KREON Qiegħda taħli l-kliem; m'intix se ġġegħelni nbiddel ħsiebi.

MEDEA Nitolbok! Se twarrab il-ħniena u tibgħatni 'l barra?

KREON Tassew; għandi mħabba aktar għal niesi milli għandi
għalik.

MEDEA Id-dar tiegħi, art twelidi! Kemm jittajru lejkom
issa ħsibijieti!

KREON Jien inħobb lil art twelidi wkoll — biss wara binti.

MEDEA X'qawwa ħażina għandha l-imħabba f'ħajjet il-bniedem!

KREON Dan ġej mill-qagħda li tkun, nistħajjel.

MEDEA Zeus kbir, ftakar min ġieb din it-tbatija kollha!

KREON Itlaq, ja msejkna, u ħu miegħek l-għawġ kollu tiegħi!

MEDEA Jien naf x'inhu l-għawġ. Ma neħtieġx aktar.

KREON Ħin bla waqt se ssib ruħek mixħuta barra b'kollox.
Intom, ejjew!

MEDEA Le, le, mhux hekk! Hemm ħaġa, Kreon, li nixtieq nitolbok.

KREON Tidher, Medea, li trid tissokta toħloqli l-għawġ.

MEDEA Se mmur. Mhux dak li tlabtek.

KREON Mela għalfejn qiegħda twebbes rasek?
Għaliex ma titlaqx?

MEDEA Għal dan il-jum ħallini nibqa',
biex infassal kif se ngħix imtarrfa,
naħseb fiż-żewġ subien tiegħi, ladarba missierhom
m'għandux ħsieb jieqaf magħhom. Uri ftit ħniena;
inti missier ukoll, għandek tħoss xi għożża għalihom.
Għalija m'hu xejn dan it-turfien.
Nitbekka lilhom; xortihom se tkun iebsa.

KREON M'iniex tirann minn qaddisi. Qalbi ratba
sikwit għalltitni; u naf li din tiegħi issa hi bluha.
Madankollu, Medea, kulma tlabt se tieħdu.
Iżda se nwiddbek: jekk ix-xemx imqaddsa t'għada
issib lilek jew lilhom fi ħdan l-art tiegħi, intom tmutu.
Din hi l-kelma sħiħa tiegħi. Issa ibqa' hawn, la trid,

għal dan il-jum. Qajla tista' f'jum wieħed twettaq
kulma jien qiegħed nibża' minnu.

*Kreon joħroġ*

Kor  Medea, imsejkna Medea!
In-niket tiegħek imissilna qalbna.
Fejn tista' tmur, mara li tterraq bħalek?
Liema dar se troddlok merħba?
Liema art se tħarsek?
Kemm hu mdagħdagħ u waħxi u mwiegħer
il-baħar li l-allat għażlulek biex tgħaddi minnu!

Medea  Bxara kerha kollha kemm hi, iva, tassew;
iżda taħsbux li dan hu t-tmiem ta' kollox.
Dawn it-tnejn li għadhom kemm iżżewġu
fadlilhom xi jġarrbu
u ma jeħilsuhiex ħafif dawk li huma qribhom l-aktar.
Taħsbux li kont se nindehes daqshekk ma' dan ir-raġel,
jekk mhux biex nilħaq l-għan tiegħi u nwettaq ħsiebi.
Anqas ċaqliqa waħda, anqas kelma; iżda hu, kemm hu ibleh!
Kieku tefagħni 'l barra minnufih kien jegħlibni
għal kollox, iżda se jħallini hawn jum ieħor.
Illum tlieta mill-egħdewwa tiegħi se noqtolhom:
il-missier u l-bint, u r-raġel tiegħi.
Għandi fi ħsiebi bosta mogħdijiet tal-mewt għalihom,
u lanqas naf liema se nagħżel. Nagħti n-nar lil darhom,
u naħraq il-kamra ta' l-għarusa? Jew nitkaxkar sa sodditħom
u ndeffes sikkina misnuna ġo sidirhom?
Hemm biża' wieħed:
jekk ninqabad dieħla d-dar, jew jien u noqtol,
immut, u l-agħar daħka jidħkuha l-egħdewwa tiegħi.
L-aħjar mewt ta' malajr, li tgħodd l-aktar għal xejrieti:
noqtolhom bil-velenu.
Mela, ħalli ngħid li mietu: liema belt imbagħad se tilqagħni?
Liema ħabib se jidħol u jħarisni, iroddli art
u dar fejn ngħammar? Ħadd. Għal ftit nistenna.
Jekk tixrifli xi għajnuna kbira, inwettaq
dal-qtil bil-ħsieb u l-ħabi. Iżda jekk xortija
tixħetni 'l barra bla ma tieqaf miegħi, jiena nnifsi
naqbad is-sikkina f'idi, inwebbes kemm niflaħ qalbi,
u noqtolhom, imqar jekk ta' dan ikolli mmut jiena.
Għaliex f'ġieh is-sultana Ħekati, li jien fuq l-allat kollha
inqim, sieħba magħżula tiegħi, li l-għamara
jiena ħtart lilha, ebda wieħed minnhom
m'hu se jweġġagħni bla ma jħallas tagħha.
Se naħdem: fl-imrar u fl-uġigħ għal dan iż-żwieġ se jindmu,
se jindmu li għaqqdu flimkien lil djarhom,
se jindmu li xeħtuni 'l barra.
Isa! Aħdem il-ħadma tiegħek, Medea;
fassal in-nasba b'ħiltek kollha.

Imxi lejn il-waqt waħxi li se jistħarreġ safejn tasal.
Issa taf fejn int. Kien sultan missierek,
missieru l-alla tax-xemx; m'għandekx tnissel
id-daħk fi Ġjażun u fi sħabu ġodda, il-ġemgħa
ta' Sisifu. Int taf x'għandek tagħmel. Minbarra dan,

*Iddur lejn il-Kor*

aħna twelidna nisa, bla fejda għal għanijiet xierqa,
iżda mħarrġa sew f'kull għamla ta' ħażen.

KOR Jimxu lejn l-għoljiet l-agħdajjar tax-xmajjar qaddisa;
id-drawwiet, il-qies, il-ħwejjeġ kollha nqalbu;
il-qerq issa hu dehen l-irġiel,
ħalf l-irġiel huwa l-għajb ta' l-allat.

Il-ġrajja issa se tbiddel l-isem li ħadna.
Iż-żmien għad jasal meta l-mara tkun imweġġha,
it-tmaqdir qadim bla xerqa
m'hux se jmexxina aktar.

Għannejja rġiel ta' żminijiet mgħoddija, li għannew nisa
li ebda twemmin ma kellhom, għad jintesew u jgħaddu.
Għax Febu, sultan ta' l-għana,
qatt ma xeħet il-lehma ħelwa
fil-fehma ta' mara,
inkella konna nsibu għanja
biex inwieġbu lin-naħa l-oħra.
Iż-żmien hu xiħ, u fil-maħżen tal-ħrejjef tiegħu
fl-irġiel m'hemmx dehen jew ħażen
inqas milli hemm fin-nisa.

Mela inti, Medea, mikluba bl-imħabba,
titlaq tbaħħar minn dar missierek,
taqsam il-ħniek blatija tal-baħar,
u hawn, tgħammar f'art barranija,
żwiegek mitluf, soddtok mitluqa waħidha,
inti misjuqa 'l hinn mit-truf ta' l-art,
turfien li xejn ma jħassru.

Il-ħajr tal-ħalf intemm;
m'hemmx ġieh aktar
fid-dinja Griega wiesgħa, iżda tar lejn is-sema.
Fejn tista' tmur tistkenn?
Bieb missierek ingħalaqlek f'wiċċek;
hemm sidt oħra issa fis-sodda ta' żewġek,
sultana ġdida taħkem f'darek.

*Jidħol ĠJAŻUN*

ĠJAŻUN Sikwit intbaħt, u din m'hix l-ewwel darba,
kemm jinsiltu ħwejjeġ qerrieda minn għadab mingħajr rażan.

Stajt bqajt f'Korintu, f'din id-dar stajt tgħammar,
kieku lqajt mingħajr taħbit il-kelma
ta' dawk li jaħkmu. Minflok, tħaddit bħal belha, u issa
inti mkeċċija. Ifhem, kliemek mgħaddab xejn ma jħawwadni,
ħtijiet Ġjażun kemm tixtieq issokta tennihom.
Iżda wara li nqast lis-sultan u 'l bintu
qis ruħek xortik tajba li ħlistha biss bi tkeċċija.
Jien ħabrikt il-ħin kollu biex inberrdu,
iżda inti fi bluhitek ma ridtx tieqaf
tqasqas ħwejjeġ koroh fuqu. Mela, inti mibgħuta 'l barra.
Iżda jiena ma rridx ninsa ħabiba. Ħsibt bir-reqqa
dwar it-twegħir tiegħek, u ġejt issa, minkejja kollox,
biex nara li int u t-tfal ma tittellqux 'il barra
bi bwietkom fiergħa jew mingħajr kulma teħtieġu.
It-turfien iġib miegħu sensiela tbatijiet.
Inti, tassew, tobgħodni, iżda jien qatt ma stajt nistmerrek.
MEDEA Beżżiegħi moqżież, kieku naf xi isem
agħar minn dan għal dan-nuqqas ta' rġulija, nagħtihulek.
Mela, int ġejt! Int, l-agħar għadu tiegħi, ġejt għandi!
Eh, din m'hix qlubija, din li tħares
fil-wiċċ ta' ħbieb wara li ċħadthom.
M'għandekx anqas wiċċ sfiq; din marda,
l-agħar li jista' jkollu bniedem, it-telfa sħiħa tal-mistħija.
Madankollu, sewwa li ġejt; qalbi nserraħha
jekk ngħid li għandi ngħid, u int se tbati
waqt li tismagħni.
Nibda mill-bidu. Meta inti ntbgħatt biex trażżan
il-barrin li jieħdu n-nifs tan-nar, tmadmadhom,
u tiżra' dik l-għalqa tal-mewt, jien ħlistlek ħajtek;
u dan jafu kull Grieg li baħħar miegħek fuq l-Argu.
Is-serp li baqa' jgħasses is-suf dehbi tan-ngħaġ,
jinbaram u jdur miegħu bla ma jongħos,
kont jien li qtiltu, u xgħelt id-dawl fuq ħajtek.
Minn jeddi dħakt b'missieri, tlaqt minn dari,
miegħek ġejt sa Jolku minn naħet l-Għolja Peljon.
U wrejt imħabba kbira w għaqal ċkejken.
Hemm lis-sultan Pejlas tajtu l-agħar mewt waħxija
minn idejn il-bniet uliedu nfushom, u ġibt ħerba fuq daru.
U ta' dan kollu tasal bi ħżunitek
twarrabni, biex issib għalik mara oħra,
wara li raddejtlek l-ulied! Kieku bqajt bla tfal
stajt naħfirlek li mort tfittex żwieġ ieħor.
Iżda kull qima lejn il-ħalf mar-riħ taret.
Taħseb int, nistaqsi, li l-allat il-qodma
m'għadhomx qed jaħkmu llum? Jew issa daħlu
liġijiet ġodda? Mela ngħidlek
li inti ksirt il-kelma li tajtni.
Idi leminija msejkna, li inti sikwit daħħaltha f'idek!
Irkobbtejja li inti qbadt magħhom! Kemm qiegħed ikasbarni
dan ir-raġel ħażin, u kemm tqarrqu t-tamiet tiegħi!

Ejja ħalli nitlob fehmtek qisek kont ħabibi.
Mhux għax nittama f'xi għajnuna mingħandek.
Iżda xorta se nitolbok u nikxef ħżunitek.
Fejn nista' mmur issa? Lura lejn arti u lejn art missieri
li jien ċħadt biex ġejt miegħek?
Lura lejn il-bniet imsejkna ta' Peljas?
X'merħba sabiħa jagħtuni talli qtiltilhom lil missierhom!
Din hi l-qagħda tiegħi; mibgħuda minn ħbiebi,
f'arti, biex nogħġbok, biddilt f'egħdewwa
lil oħrajn li ma kellix għalfejn imweġġagħhom.
U kemm għamiltni hienja fost in-nisa Griegi
bi ħlasi għal dan kollu! Raġel ta' l-għaġeb għandi
li kiser wegħdietu. Meta msejkna
nintefa' 'l barra mtarrfa
bla m'għandi ħbieb u waħdi ma' uliedi,
għajb mill-aqwa se jkun għalik, l-għarus il-ġdid,
li wliedek, u jien li ħlistek, niġġerrew tallaba!
Oh Alla, għaliex tajtna għeliem tajba biex id-deheb safi
nagħarfuh minn dak li m'hux, iżda meta rridu nagħarfu
irġiel ħżiena mit-tajbin, f'laħamhom m'hemm xejn imnaqqax?
KOR L-eqqel sura ta' għadab, li l-inqas titfejjaq,
hi dik li tħeġġeġ fejn qabel kien hemm l-egħżeż imħabba.
ĠJAŻUN Min-naħa tiegħi, jidher li jeħtieġli nkun kelliem għaqli.
Bħal wieħed li għandu qabda tajba fuq il-laċċ tat-tmun,
irrid niftaħ il-qlugħ tiegħi u nfittex naħrab
din it-tqanqila kbira, mara, ta' lsienek niggieżi.
La trid terfa' f'dan l-għoli kollu tjubitek miegħi,
fehmti hi li swiet Ċipris weħidha
mill-bnedmin u mill-allat biex inħelset ħajti.
Int dehnija biżżejjed, iżda m'hemmx għalfejn insemmi
li kienet is-setgħa bla lġiem ta' l-imħabba
li qanqlitek biex teħlisni. M'iniex se nidħol
fi rqaqat żejda dwar dil-ġrajja. Il-ħidma tiegħek,
tassew, imxiet kif messha tajjeb.
Iżda fuq din il-biċċa li int ħlistni nista' nuri
li tabilħaqq int ħadt mingħandi aktar milli tajtni.
L-ewwel, ngħidlek li int ħallejt art li m'hix mirquma
biex ġejt tgħammar f'Ħellas; hawn għaraft il-ħaqq;
int għext fost ġemgħa nies maħkuma bis-saħħa, mhux bil-liġi.
Hawn ix-xejriet tajba tiegħek huma magħrufin mill-kotra,
inti meqjuma. Kieku bqajt tgħammar fi trufijiet l-art
qatt ismek ma kien jissemma. Min-naħa tiegħi,
jekk il-ħajja ma troddlix isem imweġġaħ,
jien la nixxennaq għal ħażniet ta' deheb,
lanqas għal leħen ogħla minn ta' Orfew. Mela, inti
bdejtha dit-tħaqqiqa fuq il-ħidma tiegħi.
U din hi t-tweġiba.
Issa dwar iż-żebliħ faħxi tiegħek
fuq iż-żwieġ tiegħi mas-sultana.
Hawn se nurik li dan kien egħmil għaqli,

mhux immexxi mit-tqanqil, u mfassal b'riżqek
u b'riżq uliedi. Le, issa iskot.
Meta jien wasalt hawn mill-art ta' Jolku,
imkisser, kif kont, minn twegħir ta' kull sura,
liema xorti isbaħ minn din setgħet tmissni,
raġel imtarraf, li nizzewweġ bint sultan?
Ma kienx — u dan li jidher qiegħed iħawdek l-aktar —
li xbajt mis-sodda tiegħek u ħassejt il-ħtieġa ta' għarusa ġdida.
Lanqas kelli l-ħsieb li nkattar l-għadd ta' wliedi.
Għadna biżżejjed, u jien hieni.
Iżda ridt li nkunu nistgħu ngħixu tajjeb
u xejn ma jkun jonqosna. Naf kif hu mistmerr minn ħbiebu
bniedem fqajjar. Imbagħad, ridt li nista' nrabbi lil uliedi
kif jixraq lin-nisel tiegħi; ikolli subien oħra,
min jaf, aħwa ta' wliedek, nagħtuhom ilkoll qatgħa waħda
u nibnu ġemgħa bejnietna magħquda sfiq u għanja.
Inti ma teħtieġx tfal aktar. U naħseb li jaqbel
li nkun ta' fejda għal dawk li għandi issa
b'riħet dawk li jista' jkolli.
Ħażin dal-ħsieb? Stajt taqbel inti nnifsek miegħu
kieku ma ħawditekx l-imħabba. Iżda intom in-nisa
wasaltu f'qagħda li taħsbu li jekk imħabbitkom tmur tajjeb,
mela sibtu kulma tixtiequ. Iżda jekk din tmurilkom ħażin,
tħossu li l-aħjar u l-isbaħ intilfilkom.
Kien ikun aħjar li t-tfal setgħu jinġiebu mod ieħor,
u n-nisa qatt ma kienu. Imbagħad il-ħajja kienet tkun sabiħa.

MEDEA Ġjażun, għad li għaraft tqiegħed kliemek tajjeb,
xorta naħseb, minkejja li tista' tistagħġeb,
li inti ċħadt lil martek u mġibtek m'hix xierqa.
Tassew li jien ma naqbilx ma' oħrajn fuq bosta ħwejjeġ,
għaliex naħseb li bniedem ħażin li jaf jitħaddet
l-aktar li jaħti. Hu jistrieħ fuq qawwet ilsienu
kif iżejjen il-ħażen, u xejn ma jwaqqfu.
U madankollu, xorta m'huwiex għaref.
Hekk ġara lilek. M'hemmx għalfejn tagħmilha
ta' kelliem dehni, għaliex kelma waħda tkissrek.
Kieku ma kontx beżżiegħi, ma kontx tasal tiżżewweġ
minn wara dahri, u kont titħadditha miegħi qabel.

ĠJAŻUN U inti, tabilħaqq, kont taqbel ma' fehmti,
kieku għarraftek, inti li mqar issa
m'għandekx ħila trażżan dis-saħna qalila.

MEDEA Mhux dan kien ħsiebi. Le, int ħsibt li fi xjuħitek
ma kienx xieraq li jkollok mara barranija.

ĠJAŻUN Ifhem dan.
Dan iż-żwieġ ma' sultana ma dħalt fih minħabba ebda mara,
iżda biex inseddaq il-ġejjieni tiegħek, u biex lil uliedi
nagħtihom aħwa subien imnissla minn sultana, u nibni
fuq sisien sħaħ ħajjitna lkoll.

MEDEA Ma rridx li nsib riżq tajjeb li jġib it-tbatija miegħu,
jew ġid li jħawwadni.

ĠJAŻUN Biddel fehmtek dwar x'tixtieq, u ħaddem aħjar moħħok.
Taħsibx li f'kulma hu ta' ġid għalik hemm it-tbatija,
u lanqas, meta inti xortik tajba, tqis ruħek xortik ħażina.
MEDEA Issokta maqdarni. Int għandek saqaf fuq rasek.
Jien ninsab waħdi, imtarrfa.
ĠJAŻUN Din kienet l-għażla li għamilt inti.
Tixħet il-ħtija fuq ħadd ħlief fuqek innifsek.
MEDEA L-għażla tiegħi? X'għamilt jiena?
Jien ħadtek b'marti u mbagħad tlaqtek?
ĠJAŻUN Inti sejjaħt saħtiet qliel fuq is-sultan u d-dar tiegħu.
MEDEA Tassew. Fuq darek ukoll ix-xorti bagħtet lili bħala saħta.
ĠJAŻUN Dwar din m'iniex se ngħid aktar. Jekk hemm xi ħaġa oħra
li nista' nagħmel għall-ħtiġijiet tat-tfal u tiegħek,
tista' tgħidli. Kulma tixtieq jiena nagħtik bil-ferħa,
u nista' nressqek lejn ħbiebi li jistgħu jieqfu miegħek.
Ismagħni: tkunx belha w tiċħad din l-għajnuna.
Jaqbillek dejjem traqqad l-għadab tiegħek.
MEDEA Xejn m'hu se jġegħelni niftiehem ma' ħbiebek,
lanqas ma jien se nieħu l-għotjiet tiegħek;
toqgħodx tixtieq tagħtini.
M'hemm ebda riżq fl-għotjiet ta' qarrieq li jigdeb.
ĠJAŻUN Tajjeb ħafna.
Insejjaħ lill-allat biex jixhdu li għamilt mill-aħjar
biex ngħin lilek u lit-tfal. Ma tridx tiftaħ qalbek
għat-tjieba; qiegħda twebbes rasek u tiċħad
kull kliem sabiħ ta' ħbieb. Dan ħsara jġiblek.
MEDEA Mur! Għaddejt ħin twil hawn biżżejjed.
Għandek ħerqa kbira għall-għarusa ġdida tiegħek.
Mur tgħaxxaq biha!

*ĠJAŻUN joħroġ*

KOR Meta l-imħabba toktor iżżejjed
la ġieh ma trodd lill-bniedem
u lanqas xerqa.
Iżda jekk Afroditi bil-qies tasal,
m'hemm ebda qawwa ħelwa daqs tagħha.
Qatt, sultana Afroditi,
la tħoll għalija mill-qaws dehbi tiegħek,
imxappap fil-ħlewwa tax-xewqa,
il-vleġġa li ħadd ma jaħrab minnha.

Ħalli qalbi tkun għaqlija.
Minn għotjiet l-allat din l-aqwa waħda.
Ħalli Ċipris setgħana
ma tnissel ebda kliem ġellied jew għadab bla serħan
li jqanqal lil xejrieti biex ifittxu mħabba oħra.
Ħalli hi tmexxi bil-qies l-imħabbiet tan-nisa,
u tqim lis-sodda fejn m'hemm ebda tilwima.

UNIVERSITY
MAIN LIBRARY

Art twelidi u dar tiegħi,
qatt, qatt ma rrid li ngħix mingħajrkom,
u ngħaddi għomor bla tama,
mingħajr twegħir u tbatija,
li xejn ma jġib għajr ħasra.
Ħalli l-mewt qabel teħodni
u ħalli l-mewt teħlisni minn dawl il-jum.
M'hemm ebda niket akbar għall-bniedem
mit-telfa ta' l-art fejn twieled.

Dan mhux tħassib imqanqal minn xi xniegħa.
Din hi ġrajja li seħħet.
Inti, Medea, ġarrabt l-itqal daqqa;
minnek u la l-belt ta' Korintu
u lanqas ħabib ma kellu ħniena.
L-għajb u l-ħerba ħalli jaqgħu fuq il-bniedem
li, wara li jħoll il-moħbiet tal-qalb miftuħa ta' ħabibu,
jasal imbagħad jiċħdu.
Dan qatt m'hu se jkun ħabibi.

*Jidħol* EĠEW

EĠEW Nixtieqlek l-hena, Medea! Bejn ħbieb qodma
m'hemmx tislima aħjar.
MEDEA L-hena għalik ukoll, Eġew, iben Pandjun l-għaref!
Minn fejn wasalt?
EĠEW Minn Delfi, mill-oraklu qadim ta' Apollu.
MEDEA In-nofs ta' l-art, id-dar tat-tbassir.
U għala mort?
EĠEW Mort nitlob l-ulied, biex iż-żerriegħa tiegħi tkunli għammiela.
MEDEA Mela das-snin kollha mingħajr tfal għaddejthom?
EĠEW Jien tfal m'għandix. Dan hu li xi xorti riedet minni.
MEDEA Għandek mara, jew le?
EĠEW Jien miżżewweġ.
MEDEA U dwar it-tfal
x'inhi t-tweġiba li tak Febu?
EĠEW Kliemu kien għaref wisq biex bniedem jasal jifhmu.
MEDEA Jixraq li din it-tweġiba jien inkun nafha?
EĠEW Tabilħaqq. Kulma hu meħtieġ hu l-għaqal.
MEDEA Mela x'kienet aħbaru? Għidli, jekk nista' nisma'.
EĠEW M'għandix niftaħ l-għonq taż-żaqq mimlija bl-inbid.
MEDEA Sakemm tkun għamilt xi ħaġa, jew wasalt xi mkien?
EĠEW Sakemm nerġa' lura d-dar.
MEDEA U x'inhu l-għan tiegħek li baħħart sa Korintu?
EĠEW Hemm raġel jismu Pittew, sultan ta' Trezen.
MEDEA Iben Pelopi, igħidu, raġel tajjeb ħafna.
EĠEW It-tweġiba ta' l-alla nixtieq nistħarriġha miegħu.
MEDEA Iva. Huwa għaref u mħarreġ f'dawn il-ħwejjeġ.
EĠEW U għalija wkoll l-egħżeż fost ħbiebi fit-taqbid.
MEDEA Mela nittama li tkun xortik tajba u taqta' xewqtek.

EĠEW Iżda għala għajnejk imniżżla fl-art, u ħaddejk safrana?
MEDEA Eġew, żewġi hu l-eħżen fost kulħadd għalija.
EĠEW Xi jfisser kliemek? Għidli sewwa x'inhu li jnikktek?
MEDEA Ġjażun kasbarni, għalkemm qatt ma weġġajtu.
EĠEW X'inhu li għamel? Fissirli bi kliem eħfef.
MEDEA Ħa mara oħra f'daru, bidilni magħha.
EĠEW Ma jistax ikun ħaġa bħal din wasal jagħmilha.
MEDEA Dan hu, tassew, li għamel. Darba kien iħobbni, issa ċaħadni.
EĠEW Ħabb lil xi ħadd? Jew xeba' minn imħabbtek?
MEDEA Ħabb ħafna, dal-bniedem li jiċħad lil ħbiebu.
EĠEW Mela ħallih imur la, bħalma tgħid, hu ħażin ħafna.
MEDEA Imħabba qawwija, biex jitħallat mas-sultan.
EĠEW U min tah lil martu? Għidli l-bqija.
MEDEA Kreon, is-sultan li jaħkem fuq Korintu.
EĠEW Tassew, Medea, mela għandek għalfejn titnikket.
MEDEA Meqruda jien. U aktar minn dan: jien imtarrfa.
EĠEW Imtarrfa? Minn min? Dan hu ħażen ieħor.
MEDEA Kreon bagħatni 'l barra mtarrfa minn Korintu.
EĠEW U Ġjażun jaqbel? Dan xejn ma jogħġobni.
MEDEA Tabirruħu li ma jaqbilx, iżda jaf kif għandu jġib ruħu.
Ah, Eġew, nitolbok u nraħħamlek,
immisslek id-daqna u rkobbtejk waqt li ninxeħet quddiemek,
ħenn għalija, ħenn għall-ħabiba msejkna tiegħek,
u tħallinix noħroġ minn din l-art, imtarrfa waħdiena,
iżda ilqagħni f'artek u fl-għamara tiegħek.
Ħalli mħabbtek, bl-għajnuna ta' l-allat, twasslek
biex ikollok l-ulied u inti nnifsek tmut hieni.
Hawn ma tistax tifhem x'riżq ġabitlek ix-xorti.
Jien naf li hemm duwa li biha ma tibqax ħawli.
Inwiegħdek li se jkollok l-ulied.
EĠEW Minħabba bosta ħwejjeġ, Medea, jien ħerqan
li ngħinek f'dan. L-ewwel, f'ġieh l-allat,
imbagħad minħabba t-twelid tat-tfal li qiegħda twegħedni,
għaliex tassew li qtajt jiesi minn seteghti.
Dan hu li se nagħmel: malli tasal f'Ateni
se nżomm il-wegħda u nħarsek sakemm niflaħ.
Iżda qabelxejn jeħtieġli nfiehmek: m'iniex fi ħsiebi
noħorġok miegħi minn Korintu. Jekk inti nnifsek
tasal sa Ateni, hemm se jkollok id-dar fejn tgħammar.
Lil ħadd ma jien se rroddok. Iżda qabel
fittex itlaq minn Korintu mingħajr għajnuna.
In-nies ta' Korintu huma ħbiebi, u ma nixtieqx inweġġagħhom.
MEDEA Ikun kif tixtieq. Issa seddaq b'ħalfa l-wegħda tiegħek,
u kollox ikun sewwa bejnietna.
EĠEW Għaliex? Ma torbotx fuq kelmti?
X'inhu li jħassbek?
MEDEA Norbot fuq kliemek, iżda jien għandi l-egħdewwa,
mhux Kreon biss, iżda d-dar ta' Peljas.
Jekk tintrabat b'ħalfa m'intix se titlaqni

jekk iħabirku biex jixħtuni 'l barra minn artek.
Iżda jekk twegħedni biss bil-kliem, u ma taħlifx lill-allat,
għandek mnejn titħabbeb magħhom u tmil għal fehmithom.
Jien dgħajfa, waqt li huma għandhom il-ġid
u kulma jridu f'dar is-slaten.

EĠEW F'ħidmiet bħal dawn taf turi tbassir għaqli.
Mela, jekk dan li trid, m'iniex se niċħadhulek.
Fis-sewwa, jekk nagħmel ħalfa nħares lili nnifsi,
għaliex ikolli fuqiex nistrieħ quddiem l-egħdewwa li għandek,
u inti sserraħ rasek. Issa semmi l-allat tiegħek.

MEDEA Aħlef bl-Art ta' taħt riġlejk,
aħlef bix-Xemx, missier missieri, u bin-nisel sħiħ ta' l-allat.

EĠEW Għidli x'naħlef li għandi nagħmel u li m'għandix nagħmel.

MEDEA Li qatt ma tibgħatni 'l barra minn artek,
u jekk l-egħdewwa tiegħi jkunu jridu jeħduni,
inti qatt, tul ħajti, ma tixħetni f'idejhom.

EĠEW Naħlef bl-Art, u bid-dawl iħeġġeġ tax-Xemx,
u bl-allat kollha, li nżomm il-kliem li għadek kemm lissint.

MEDEA Dan biżżejjed. U jekk tikseb il-ħalfa tiegħek,
x'għandu jiġrilek?

EĠEW Imbagħad l-allat ħalli jagħmluli kif jagħmlu
lill-ħatjin kollha.

MEDEA Mur issa, u s-sliem ikun miegħek.
Xewqti maqtugħa. U jien se nasal f'beltek malajr kemm nista',
wara li nkun għamilt li għandi nagħmel u lħaqt l-għan tiegħi.

*EĠEW joħroġ*

KOR Ħermes, li jħares lil kull min iterraq,
iwasslek sa darek bis-sliema, Eġew; ħalli twettaq
kulma inti tixtieq b'dil-ħerqa kollha.
Għaliex qalbek safja rebħitilna moħħna.

MEDEA Zeus! Is-Sewwa, bint Alla, Xemx imsebbħa!
Issa ninsab fil-mogħdija tar-rebħa, issa hawn it-tama!
Se nara lill-egħdewwa misħuqa kif jixirqilhom.
Fejn in-nasba tiegħi kienet dgħajfa l-aktar
hemm sewwa sibt l-għajnuna f'dan ir-raġel, Eġew.
Hu l-menqa fejn se norbot
meta nasal sħiħa sal-ħitan tal-belt ta' Ateni.
Issa ngħarrafkom bil-ħadma li ħsibt kollha.
Isimgħu dan il-kliem li mill-ħsieb xejn m'huwa nieqes.

*Tidħol l-IMREDDGĦA, tisma' fis-skiet*

Se nibgħat qaddej ifittex lil Ġjażun,
jitolbu jiġi hawn ħdejja. Imbagħad se nkellmu bil-ħlewwa,
ngħidlu li għamel sewwa, ngħidlu li naħseb
li dan iż-żwieġ mas-sultana li għamel billi ċaħad lili
jien naqbel miegħu u kien imfassal bil-għaqal.
Iżda se nitolbu li wliedi jitħallew jibqgħu.

Mhux li se nħalli f'art li tobgħodni
lil uliedi biex jaqilgħu it-tagħjir ta' l-egħdewwa tiegħi,
iżda biex b'nasba lil bint is-sultan nasal noqtolha.
Se nibgħathom b'għotjiet f'idejhom għand l-għarusa —
libsa ta' nsiġ mirqum u kuruna dehbija.
Jekk teħodhom u xxiddhom,
hi u kull min imissha jmut qajl qajl.
B'dan il-velenu qerried l-għotjiet sejra nidlikhom.
Iżda fuq dan biżżejjed. Nolfoq għax naħseb
xi jmiss issa li nagħmel. Se noqtol lis-subien tiegħi.
'L uliedi ħadd m'hu se jeħodhomli. Meta lid-dar kollha
ta' Ġjażun inkun biddiltha f'ħerba waħda,
nitlaq minn Korintu u naħrab mill-qtil ta' wliedi maħbuba.
Niflaħ inġorr il-ħtija, hi kemm hi tal-biża',
iżda ma niflaħx iż-żebliħ ta' l-egħdewwa.
Dan li se jseħħ. X'fejda refgħet għalija l-ħajja?
M'għandix art, m'għandix dar, anqas kenn minn tbatijieti.
Bluhiti għamiltha żmien twil ilu,
meta ħallejt warajja dar missieri,
mirbuħa mill-kliem sabiħ ta' Grieg
li, bl-għajnuna tas-sema, issa se jħallas tagħha.
Qatt aktar m'hu ħajjin se jara
lis-subien li kellu minni. Minn għarustu l-ġdida
qatt iben m'hu se jnissel. Hi bil-velenu tiegħi,
tifla msejkna, ikollha tmut mewta kerha.
Ħadd m'hu se jaħseb li jien dgħajfa, mitluqa,
magħluqa fija nnifsi. Ħallihom jifhmu
li jien ta' xeħta oħra: qalila ma' l-egħdewwa,
ħanina ma' ħbiebi. Ħajja bħal din sebħ jistħoqqilha.

KOR La qsamt magħna n-nasba tiegħek,
jien nixtieq ngħinek u nixtieq ukoll inħares
ix-xejriet xierqa ta' ħajjet il-bniedem —
u ngħidlek li dan m'għandekx tagħmlu.

MEDEA Xejn ħlief dan ma nista' nagħmel. Nifhem għala
titkellmu hekk. Intom ma ġarrabtux li ġarrabt jiena.

KOR Iżda jista' jkollok qalb toqtol lil laħmek u lil demmek?

MEDEA Iva, għax dan l-aħjar kif nista' nidrob lil żewġi.

KOR U inti wkoll. Min-nisa kollha se tkun l-aktar imnikkta.

MEDEA Dan għandu jseħħ. Ma nistax nerġa' lura.

*Iddur fuq l-Imreddgħa*

Mur, inti, minnufih, u għid lil Ġjażun jiġi.
Lilek naħtar fil-ħwejjeġ li rrid naħbi l-iżjed.
Ittarrafx kelma fuq il-ħsibijiet li għandi,
jekk tħobb lil sidtek, jekk twelidt mara.

KOR Sa mill-qedem it-tfal ta' Erettew
għexu fir-riżq, subien ta' allat imbierka.
Igħammru fl-art imqaddsa ta' Ateni bla mirbuħa,
l-għerf bis-sebħ tiegħu jitmagħħom, jimxu dejjem

mimlija ħajr taħt ix-xemx għammiexa.
Hemm żmien twil ilu, jingħad, Armonija ta' xuxitha mdiehba
welldet lid-disa' Mużi ta' Pjerja.

Igħidu li Afroditi ddeffes il-kus tagħha
fix-xmara nadifa ta' Ċefisu sbejjaħ.
Hi li tonfoħ fuq l-art in-nifs
ta' rjieħ melliesa mgħobbija bil-għasel.
Lid-dliel jittajru tagħha hi ddawwarhom
b'dafra ta' ward ifewwaħ,
u tibgħat lill-Imħabbiet biex jintasbu
fuq maqgħad il-ġieh biswit l-Għerf,
u miegħu joħolqu egħġubijiet ta' kull sura.

Kif jistgħu dawn ix-xmajjar qaddisa
jew din l-art imqaddsa tħobbok,
jew il-belt issiblek dwejra,
lilek, li se toqtol lil uliedek,
inti, li m'intix bħall-bqija safja?
Aħseb fid-daqqa li 'l uliedek se tagħtihom,
u aħseb fid-demm li se xxerred.
Nitolbok u ntenni nitolbok
għarkobbtejja nitolbok
biex ma tkunx il-qattiela ta' wliedek!

Għax fejn se ssibha l-qlubija
jew is-sengħa ta' idek u ta' qalbek
meta tinxeħet biex twettaq
egħmil bħal dan waħxi?
Kif, inti u tħares lejhom,
tista' tibqa' żżomm il-fehma bla ma tibki?
M'intix se ssib il-ħila,
meta t-tfal jinżlu f'riġlejk u jokorbulek,
m'intix se tasal
twebbes idek u tgħaddasha f'demmhom.

*Jidħol Ġ*ažun*. Żewġ qaddejja jidħlu biex jaqdu lil M*edea

Ġ*AŻUN* Ġejt hawn għax tlabtni inti. Tassew, għalkemm inti
iebsa ħafna miegħi, dan jien nagħtihulek: se nisma'
x'inhu li trid issa minni, mara.

MEDEA Ġjażun, nitolbok taħfirli ta' li għedtlek.
Inti għandek tifhem l-għadab tiegħi; bejnietna
għandna bosta tifkiriet ta' mħabba.
Tlewwimt miegħi nnifsi. "Inti belha,"
għedt bejni u bejn ruħi, "inti miġnuna,
meta n-nies ifasslu kollox bil-għaqal,
jekk titfantas u tiġġieled mas-sultan
u ma' żewġek. Kulm'hu qiegħed jagħmel
se jkun ta' fejda għalina lkoll. Martu sultana

se jkollha wlied li jkunu aħwa tas-subien tiegħi.
Għaliex ma tarmix dil-qilla? X'inhu li ġralek,
ladarba l-allat qegħdin juru ħniena?
M'għandix jien tfal, u ma nafx li aħna,
imtarrfin minn artna, jonqsuna l-ħbieb?"
Meta ħsibt dan, għaraft bluhiti,
intbaht kemm ma kienx hemm għaqal fl-għadab tiegħi.
Mela issa kulma għamilt inti nilqgħu.
Naħseb li inti dehni li qlajt għalina
din is-sħubija ġdida, u l-ġenn kien kollu tiegħi.
Messni għentek fi ħsiebek, messni hejjejtlek bil-ferħa
is-sodda ġdida taż-żwieġ tiegħek, u għent lil għarustek.
Iżda aħna n-nisa — ma rridx ngħid li aħna ħżiena minn xejritna —
aħna li aħna. Inti, Ġjażun, m'għandekx tixbahna
fl-imġiba ħażina. Tkunx ibleh jekk aħna boloh.
Issa nċedi, u nistqarr li kont imqarrqa.
Qiegħda nifhem kollox aħjar issa.

*Iddur lejn id-dar*

Uliedi, ejjew, uliedi, ejjew ħdejna!
Roddu merħba lil missierkom miegħi, sellmulu,
u flimkien ma' ommkom, li kienet għadu tiegħu,
erġgħu ifirħu bih li jħobbna.

*Jidħlu t-tfal, flimkien ma'* GĦALLIEM

Erġajna ftehemna, u l-għadab għaddielna kollu.
Aqbdulu idu l-leminija. Oh Alla, qiegħda naħseb
f'xi ħaġa li tista' tiġri fil-ġejjieni moħbi.
Uliedi, għad tifirxu idejkom lejja hekk tul ħajja twila?
Qalbi mġarrba mimlija lfiq u biża'.
Wara daż-żmien kollu, temmejt it-tilwima tiegħi ma' missierkom.
U araw, għajnejja rotob minnufih faru bid-dmugħ.
KOR Jiena wkoll inħoss dmugħ ġdid jimlieli għajnejja.
U jalla l-għawġ ma jikbirx aktar minn kemm kiber s'issa!
ĠJAŻUN Imġibtek infaħħarha. U lanqas nista' nlumek
għal kulma lissint qabel. Minn ewl id-dinja
mara tiqliel ma' żewġha meta jfittex imħabba moħbija.
Iżda issa moħħok dar għal ħsibijiet aktar għaqlija.
Fl-aħħar fhimt tajjeb, ta' mara għarfa.
U intom, subien uliedi, missierkom qiegħed jaħseb fikom.
Bl-għajnuna ta' l-allat fasslilkom ħajja tajba.
Maż-żmien, jien naf, intom ma' ħutkom għad tmexxu lil Korintu.
Ikbru u sseddqu. Missierkom u l-allat li jħobbuh
jaħsbulkom għall-ġejjieni.
Meta għad issiru rġiel ġodda
irrid narakom f'saħħitkom u qawwija,
aqwa mill-egħdewwa tiegħi.
Għala ħaddejk safrana u mdawra lilhinn minni?

Ma jogħġbokx dal-kliem li qiegħed ngħidlek?
MEDEA Le, xejn. Kont qiegħda naħseb fuq dawn it-tfal.
ĠAŻUN Agħmel il-qalb. Jien se nieħu ħsiebhom sewwa.
MEDEA Iva. Ma jfissirx li m'iniex norbot fuq kliemek.
Iżda mara hi dgħajfa u malajr tibki.
ĠAŻUN Iżda mbagħad għalfejn titnikket daqshekk għat-tfal?
MEDEA Jien ommhom.
Meta inti tlabt għalihom biex igħixu ħafna,
jien tħassibt igħixux, u l-għali ħadni.
Iżda ara, jien għedtlek ftit minn kulma kelli ngħidlek,
u issa ntarraflek il-bqija.
La r-rieda tas-sultan hi li jibgħatni 'l barra,
u naf ukoll li din għalija l-aħjar ħaġa,
biex ma nkunx fi triqtek ngħammar hawn
jew fi triqat sidien l-art, la nidher għadu tagħhom,
mela jien għandi nitlaq. Iżda s-subien nixtieqhom
li jikbru hawn taħt ħarstek.
Itlob lil Kreon iħallihom jibqgħu.
ĠAŻUN Ma nafx nasalx infiehmu, iżda se nagħmel ħilti.
MEDEA Mela għid lil martek titlob lil missierha
biex ma jintefgħux 'il barra.
ĠAŻUN Tabilħaqq, inħoss li jirnexxilha.
MEDEA Hi tasal, jekk tixbah lin-nisa l-oħra.
Iżda jien ukoll f'dan se nagħti l-għajnuna tiegħi.
Se nibgħat għotja lil martek,
l-isbaħ ħwejjeġ li fuq wiċċ l-art jinstabu.
It-tfal se jwassluhom. Waħda minnkom, qaddejja,
fittex mur ġib il-libsa u l-kuruna tad-deheb.
Se jitkattrilha l-hena bosta drabi,
la se jkollha raġel tax-xeħta għolja tiegħek f'sodditha,
u din il-libsa sabiħa li missier missieri, ix-xemx,
refa' b'wirt għal dawk li tnisslu minnu.

*Tidħol Qaddejja ġġorr il-libsa u l-kuruna*

Tfal, aqbdu dawn l-għotjiet taż-żwieġ f'idejkom.
Wassluhom lis-sultana, l-għarusa hienja.
U rodduhomlha. Hi taf kemm għandha tgħożżhom.
ĠAŻUN Tkunx belha, għaliex se tiċċaħħad minn dal-ħwejjeġ?
Taħseb li dar is-sultan teħtieġu dan l-ilbies
u dan id-deheb? Żommhom, u m'hemmx għalfejn tagħtihom.
Jekk marti tara siwi fija,
se tqis aktar lili milli lil dawn l-għotjiet. Naf sewwa.
MEDEA La twaqqafnix. Igħidu li l-allat infushom
jinġibdu mill-għotjiet, u d-deheb aktar mill-kliem
jiswa mal-bniedem. Dan hu l-jum tagħha.
Hi sultana u żagħżugħa. Biex neħles mit-turfien 'l uliedi,
ħajti, mhux deheb biss, nasal nagħti.
Morru, tfal, morru f'dak id-dejr għani,
inżlu għarkobbtejkom u lill-mara ġdida ta' missierkom,
u sidti,

itolbuha li ma tintbagħtux 'il barra.
U fuq kollox, araw li tieħu l-għotja tiegħi f'idejha.
Morru, malajr, u ġibu magħkom aħbar tajba,
li kulma ommkom xtaqet ingħatalha.

*Joħroġ Ġjażun flimkien mat-Tfal u l-Għalliem*

Kor Issa ebda tama oħra ma fadalli,
ebda tama li dawn it-tfal għad igħixu.
Mexjin lejn il-qtil bħalissa.
L-għarusa se tilqa' l-kuruna tad-deheb,
se tieħu l-qerda bla ħniena tagħha.
Madwar xuxitha safranija hi se xxid iż-żîna
tal-mewt b'idejha.

Il-ħlewwa u l-fwieħa u s-sbuħija tal-libsa
se jsaħħruha biex ixxiddha fuqha u tilbes il-kuruna dehbija,
u issa ż-żwieġ tagħha se jkun mal-mejtin hemm isfel,
f'din in-nasba se taqa',
imsejkna, f'din ix-xorti tal-mewt u qatt aktar
mis-saħta ma taħrab.

Inti wkoll, għarus imsejken, imħallat mas-slaten,
m'intix tintebaħ li qiegħed tniżżel
il-qerda fuq uliedek u fuqha,
martek, mewt waħxija.
Ruħ imsejkna, kemm hi kbira l-waqgħa tiegħek!

B'sogħba għalik ukoll nolfoq, omm ta' tfal ċkejkna,
inti li se toqtol lil nislek,
għax qlilt għat-telfa ta' l-imħabba miżżewġa
li Ġjażun ċaħad
biex igħix ma' mara oħra.

*Jidħol l-Għalliem mat-Tfal*

Għalliem Ja sidti! Dawn iż-żewġ subien meħlusa mit-tkeċċija,
u s-sultana bil-ferħa ħadet l-għotjiet tiegħek f'idejha.
F'dik id-dar it-tfal m'għandhomx egħdewwa.
Iżda għala inti mħawda meta xortik tajba?
Għaliex dawwart ħaddejk lilhinn minni?
Ma jogħġbokx il-kliem li qiegħda tisma'?
Medea Ah! Jiena mitlufa!
Għalliem Dal-kliem xejn ma jaqbel ma' l-aħbar li tajtek.
Medea Mitlufa jien! Mitlufa!
Għalliem Ġarax li bla ma naf ħabbartlek ħwejjeġ koroh
minflok aħbar li ħsibtha sabiħa?
Medea Jien għedt dak li għedt. M'iniex nixħet il-ħtija fuqek.
Għalliem Għalfejn niżżilt ħarstek, mela, u għajnejk idemmgħu?
Medea Hemm xi jġegħelni nibki, xwejjaħ. L-allat, u magħhom

in-nasbiet ħżiena tiegħi fasslu kollox.

GĦALLIEM Agħmel il-qalb, ja sidti. Maż-żmien uliedek għad ireġġgħuk lura f'darek.

MEDEA Ah, qabel ma jseħħ dan, hemm oħrajn li jeħtieġli nreġġagħhom lura f'darhom.

GĦALLIEM M'intix waħdek l-omm li nfirdet minn uliedha.
Aħna lkoll irridu mmutu.
Tħallix in-niket jagħfas fuqek iżżejjed.

MEDEA Iva, ħabib. Noqgħod fuq kliemek. Issa idħol ġewwa u hejjilhom kollox, kif tagħmel dejjem.

*L-GĦALLIEM jidħol id-dar. MEDEA ddur fuq uliedha*

Uliedi, ah, uliedi, intom għandkom belt,
għandkom dar, u tistgħu tħalluni wrajkom,
u mingħajr ommkom tistgħu tgħammru hemm għal dejjem.
Iżda jien sejra 'l barra lejn art oħra
qabel ma rajtkom hienja u tgħaxxaqt bikom,
qabel ma libbist lill-agħrajjes tagħkom
u s-sodda taż-żwieġ frixthielkom
u żammejt fil-għoli l-ħuġġieġa fit-tieġ tagħkom.
Kemm jiena msejkna f'dal-ħsieb li xħett fuqi nnifsi!
X'kien l-għan, uliedi, li għalih rabbejtkom?
Il-ħarsien li tajtkom, l-għeja li ġarrabt għalikom?
Kollox kien ħawli, kull tbatija li ħassejt meta wellidtkom.
Tassew, tamieti li kelli għalikom, jien imsejkna,
kienu kbar: kellkom tħarsuni fi xjuħiti,
u kellkom f'idejkom tkeffnuni mejta għad-difna.
Kemm setgħu għeru għalija n-nies, uliedi!
Issa għeb għal kollox dan il-ħsieb ħelu.
Miftuma minnkom, imnikkta se tkun ħajti
u weġgħa waħda. Qatt aktar lil ommkom
m'intom se terġgħu tarawha b'dawk l-għajnejn għażiża,
la se tmorru f'għajxien ieħor.
Għalfejn, uliedi, tixħtu ħarsitkom fuqi?
Għaliex qegħdin titbissmu bil-ħlewwa
din l-aħħar tbissima tagħkom?
Ah, jien x'nista' nagħmel? Ħbieb, qlubiti nħlietli kollha,
meta lmaħt dik il-leħħa żagħżugħa fuq wiċċhom.
Ma nistax nagħmilha. Niċħad kulma fassalt qabel.
Se nġorr 'l uliedi 'l barra minn din l-art.
Għaliex għandi nweġġa' lilhom, biex inweġġa' lil missierhom,
meta jiena nnifsi għal darbtejn se nbati?
Le, le, m'iniex se nagħmilha. Kulma ħsibt niċħdu.
Ah, x'qiegħed jiġrili? Irrid li l-egħdewwa tiegħi
ma jġarrbu xejn, imbagħad jiddieħku bija?
Jeħtieġli nwebbes rasi. Kemm jien mara dgħajfa
li nistqarr miegħi nnifsi dawn il-fehmiet rotob.
Tfal, idħlu ġewwa. Jekk hawn xi ħadd jaħseb
li xejn m'hu xieraq jara d-debħa tiegħi,

ħa jaħseb kif irid. M'iniex se nrattab idi.
Le, qalb tiegħi, dawn il-ħwejjeġ m'għandekx tagħmilhom.
Qalb imsejkna tiegħi, ħallihom imorru, ħenn għal uliedek!
Għad iferrħuk jekk għad f'Ateni jgħammru miegħek.
Le, le, f'isem xjaten il-mibegħda fil-qigħan t'hemm isfel, le!
M'iniex se nħalli 'l uliedi jinbelgħu
minn qillet l-egħdewwa tiegħi. M'hemmx minn xiex naħrab,
issa magħmula. Issa l-kuruna tad-deheb
tinsab fuq rasha, l-għarusa sultana xeddet il-libsa,
u qiegħda tmut, dan nafu. Mela, la għandi mogħdija mnikkta
xi nterraq, u lilhom se nibgħat fi triq imnikkta iżjed,
nixtieq inkellem lil uliedi. Ejjew, uliedi, agħtuni idejkom,
lil ommkom agħtuha idejkom biex tbushomlkom.
Ah, dawn l-idejn għeżież, u kemm huma
għeżież dawn ix-xofftejn għalija,
u l-għajnejn ħanina u t-trobbija kollha!
Nixtiqilkom l-hena, iżda mhux hawn f'din id-dinja.
Kull barka hawn qeridha missierkom. Kemm hu tajjeb
li nħaddankom! Kemm tarija l-ġilda, u n-nifs kemm huwa safi!
Morru! Morru lilhinn! Ma nistax inħares lejkom aktar.
Tbatijieti huma itqal minn kemm niflaħ.
Nifhem il-waħx ta' kulma sejra nagħmel.
Iżda isħeħ minn kulma ħsibt hu l-għadab tiegħi,
l-għadab li fuq il-bnedmin iniżżel l-akbar ħażen.

*MEDEA tmur fuq il-lemin, tħares lejn dejr is-sultan*

KOR Sikwit qabel
ħaqqaqtha fuq ħwejjeġ iżjed imħabbla
u dħalt f'fehmiet itqal
minn dawk li mara jmissha tidħol fihom.
Iżda aħna wkoll għandna alla li tgħinna
u tmexxina biex naslu għall-għerf.
Mhux aħna lkoll, nistqarr. Tista' tiltaqa'
ma' ftit minn fost ħafna nisa
li mid-dehra xejn m'huma nieqsa.
Dan li ngħid, li dawk li wlied qatt ma kellhom
jistgħu jkunu hienja
aktar minn dawk li għandhom.
Nies mingħajr ulied ma jistgħux ikunu jafu
jekk it-tfal humiex barka jew tagħbija,
iżda la huma nieqsa minnhom
igħixu ħielsa minn ħafna twegħir.

Dawk li f'darhom għadhom qegħdin jikbru
ħelwin it-tfal quddiemhom jien nara li ħajjithom
titgħabba u tinħela bi tħassib li qatt ma jehda.
L-ewwel, kif se jrabbuhom sħaħ u f'saħħithom,
u kif maż-żmien se jroddulhom fuqiex igħixu.
Imbagħad hemm twegħir ieħor:

qatt ma jafu jekk dan it-tħabrik kollu
sarx għal tfal li se jkunu tajbin jew ħżiena.
U minbarra kull għawġ li jikber
ma' ħajjet il-bniedem hemm ieħor eqqel:
stħajjel li sibtilhom biżżejjed fuqiex igħixu,
tfarfru w saru żgħażagħ tajba,
imbagħad, jekk din hi r-rieda t'Alla,
il-mewt tista' ġġorrhom magħha
lejn id-dinja li m'hijiex magħrufa.
X'se nieħdu, mela, la minħabba t-tfal
l-allat igħabbu fuq il-bniedem
wara kull niket ieħor
lil dan in-niket li hu l-akbar wieħed?

MEDEA Ħbieb, ili nistenna ħafna din il-ġrajja.
Inħares 'l hinn minn fejn l-aħbar trid tasal.
Issa nara li wieħed mill-qaddejja ta' Ġażun riesaq,
u nifsu maqtugħ, dil-lehġa turi
li ġabilna aħbar tal-biża'.

QADDEJ Medea, inti li għamilt dil-ħaġa faħxija,
aqbad kulma tista',
karru jew mirkeb,
u aħrab!

MEDEA Il-għala għandi naħrab?

QADDEJ Hi mietet, is-sultana,
u missierha Kreon ukoll mejjet,
bil-velenu tiegħek.

MEDEA Aħbarek mill-isbaħ. Minn issa
se ngħoddok b'ħabib u b'raġel tajjeb.

QADDEJ X'inhu? Taf x'inti tgħid, jew int miġnuna,
mara? Meta għamilt dil-ħaġa kerha
lid-dar tas-sultan, tasal tifraħ?
M'intix titriegħed b'dawn il-ħwejjeġ?

MEDEA Għal kulma għedt int, min-naħa tiegħi, għandi
tweġiba xi rroddlok. Tgħaġġilx, ħabib, u tkellem.
Kif mietu? Għal darbtejn tferraħni
jekk tgħidli li batew biex mietu.

QADDEJ Meta ż-żewġ subien tiegħek ġew id f'id u daħlu
flimkien ma' missierhom, u marru għand l-għarusa,
aħna l-qaddejja fraħna. Konna tnikkitna b'kulma ġralek.
Issa ġriet il-kelma li Ġażun u inti ftehemtu.
Uħud bisulhom idejhom, oħrajn xuxithom safranija.
Jiena nnifsi thennejt ħafna u mxejt magħhom
sa għand is-sultana,
sidtna, li issa aħna nqimu minflokok,
qabel ma ntebħet bit-tfal tiegħek resqin lejha,
fuq Ġażun biss serrħet għajnejha ħerqana.
Iżda kif rathom niżżlet ħarsitha 'l isfel,
u dawret ħaddejha minnhom, għax tmeżmżet
tarahom quddiemha. Iżda żewġek
fittex li jberred l-istmerrija tat-tfajla,

u qal, "M'għandekx tkun imqita mal-ħbieb tagħna,
erġa' dawwar rasek lejja, u ħallik mill-għadab.
Lil dawk li żewġek iħobb inti wkoll għandek tħobbhom
llqa' dawn l-għotjiet, u f'ismi itlob lil missierek
jeħles lil dawn it-tfal mit-turfien."
Meta lemħet dawk il-ħwejjeġ ta' siwi ntrebħet,
qabdet ma' kulma qalilha żewġha, u qabel
ma hu w uliedek laħqu ħarġu mid-dar
ħadet il-libsa sabiħa u xedditha,
imbagħad qiegħdet il-kuruna tad-deheb
fuq xagħarha mġiegħed,
u bdiet torqom xagħarha f'mera leqqiena,
u tbissmet lis-sura bla ħajja tagħha fiha.
Imbagħad qamet mill-maqgħad u mxiet madwarha
fuq riġlejha ħafja, u sikwit daret lura
biex tara kif jaqgħu l-ġmiegħ sew sa fuq għarqbejha.
Imbagħad rajna ħaġa li tkexkex. Hi bidlet lewnha,
ixxenglet lura, bdiet titriegħed,
bilkemm setgħet tinxeħet fuq maqgħad bla ma taqa'.
Waħda xwejħa, qaddejja tagħha, li ħasbet li l-għadab ta' Pan
jew xi alla ieħor ħatafha, għanniet il-bikja tal-qima,
iżda mbagħad rat ragħwa bajda tqattar minn xofftejha
u ħbub għajnejha jduru, u d-demm għeb minn suritha.
Ix-xwejħa ntebħet bl-għelt li għamlet
u biddlet l-għanja f'tinwiħ ta' diqa kbira.
Qaddejja marret bilġri tfittex lis-sultan,
oħra telqet tgħid lir-raġel b'kulma ġara
lill-għarusa tiegħu. Id-dejr imtela kollu
bi ħsejjes ta' nies jiġru minn naħa għal oħra.
Wieħed kien jilħaq jiġri l-medda kollha tat-tellieqa
u jdur u jasal, sakemm hi, tfajla msejkna,
bla kliem, fetħet għajnejha,
u qamet bi twerżiqa waħxija.
Żewġ tbatijiet kien hemm jitqabdu fiha.
Il-kuruna tad-deheb imqiegħda madwar rasha
ħarġet nixxiegħa tal-biża' ta' nar li jeqred kollox,
u l-libsa minsuġa sabiħ li tawha wliedek
bdiet tagħfas fuq il-laħam tari tat-tfajla msejkna
Hi qabżet minn fuq il-maqgħad, kollha nirien, bdiet tiġri,
ixxengel rasha bis-saħħa u xuxitha twila
lejn naħa w oħra, biex taqla' l-kuruna.
Iżda d-deheb baqa' jżomm il-qabda mirfuda tiegħu,
u aktar ma xenglet rasha, in-nar fernaq b'qilla ġdida.
Sa fl-aħħar, megħluba mid-diqa tal-mewt, waqgħet fl-art,
u ħlief missierha, ħadd ma seta' jagħrafha.
Il-qagħda t'għajnejha, ix-xeħta ta' wiċċha,
kollox kellu sura kerha.
Minn fuq rasha qattru demm u nar imħallta f'daqqa.
Laħamha, maħbut mill-injieb tal-velenu,
dab minn ma' l-għadam, bħall-qtar fuq zokk ta' l-arznu.

Dehra waħxija. Il-biża' ma ħalliniex immissu
ġisimha mejjet. Kulma rajna kien twiddiba
biżżejjed għalina.
Iżda, bla ma jaf x'ġara, missierha msejken
daħal malajr fid-dar u nxeħet ħdejha
u beda jolfoq qawwi, biesha, u ħaddanha miegħu,
u għajjat, "binti msejkna, liema alla qeridlek ħajtek
b'dil-ħruxija kollha? Min seraqli lil binti waħdanija,
xwejjaħ kif jien, qrib qabri? Ħallini mmut miegħek, binti!"
Meta waqaf jokrob u jibki,
ix-xwejjaħ xtaq iqum fuq riġlejh,
iżda bħalma l-liedna taqbad maz-zkuk tar-randa,
hu weħel mal-libsa sabiħa, u tqabad magħha mbeżża'.
Hu tħabat biex jerfa' rkobbtu, u hi ġibditu 'l isfel.
Meta ġibed bis-saħħa, laħmu xiħ beda jiċċarrat
minn ma' għadmu.
Fl-aħħar l-imsejken inħlietlu saħħtu, imkisser bit-tbatija,
ma seta' jagħmel xejn aktar, u radd ruħu.
Issa hemm jinsabu flimkien, bint u missierha,
mejtin, dehra li ġġib id-dmugħ.
Lilek, Medea, m'għandix xi ngħidlek aktar.
Inti nnifsek taf l-aħjar
kif taħrab mill-ħlas li jmissek.
Ħajjet il-bniedem, naħseb, kif ħsibt qabel,
hi dell, u ma nibżax nistqarr li dawk li huma meqjusa
b'għorrief u li jfittxu l-għaliex tal-ħwejjeġ
iġibu l-akbar niket fuqhom infushom.
Fost il-bnedmin m'hemm ħadd li huwa hieni.
Fil-mewġa tax-xorti bniedem jista' jkollu ġid
aktar minn għajru, iżda qatt m'hu hieni.

*Joħroġ*

KOR Is-sema, jidhirli, illum xeħet l-għawġ bil-bosta
fuq Ġjażun, u dan jistħoqqlu.
Tfajla msejkna, bint Kreon, kemm nitħassrek
u nitħassar xortik kerha, inti li mort lilhinn
fid-dar ta' taħt l-art, għax iżżewwiġt lil Ġjażun.

MEDEA Ħbieb, issa naf x'għandi nagħmel. Malajr kemm nista',
noqtol 'l uliedi, u naħrab minn din l-art,
ma nitnikkirx u ma nħallix 'l uliedi
jinqatlu minn id oħra inqas ħanina.
Għax issa se jkollhom imutu, u la dan ikollu jiġri,
mela jien li wellidthom inkun li noqtolhom.
Isseddaq bil-qawwa, qalb tiegħi! Tibżax tagħmel
dan il-ħażen li hu tal-biża' iżda meħtieġ ukoll.
Ejja, id tiegħi, id imsejkna tiegħi, aqbad is-sikkina,
ħudha, u ersaq lejn il-bidu ta' ħajja mħarbta,
la tkunx beżżiegħa, toqgħodx tiftakar fihom,
insa li ħabbejthom darba, u li twieldu minn laħmek.

Għal jum qasir wieħed insa 'l uliedek, imbagħad wara olfoq.
Għad li se toqtolhom, kienu s-subien tiegħek.
Jien mara mnikkta!

*MEDEA tidħol fid-dar*

KOR Art, stenbaħ! Dawl għammiex tax-Xemx, ħares,
ħares 'l isfel lejn din il-mara mitlufa
qabel ma tgħolli l-id tal-qerda
biex iċċappasha bid-demm ta' wliedha.
Tiegħek kien in-nisel dehbi li hi twieldet minnu.
U hi ħaġa waħxija li l-bnedmin ixerrdu
demm l-allat.
Dawl tas-sema, żommilha idha, waqqafha,
saffi lid-dar minnha, din l-imxajtna demmija
kollha mibegħda!

Ħela fiergħa, il-ħarsien ta' wliedek;
kien għalxejn li rabbejt it-tfal bi mħabbtek!
Għalfejn ġejt mis-Simplégadi kaħlana
li jżommu l-bieb tal-baħar imqalleb?
Għaliex għandu dan l-għadab jikollok qalbek
biex jinħela fil-qtil tat-tfal?
Meta l-art titniġġes b'demm il-qraba
tinżel is-saħta fuq ħajjet il-bniedem.
Għawġ bħal dan jaqa' wkoll fuq id-dar li taħti.
Qegħdin tisimgħu dal-biki, tisimgħu l-biki tat-tfal?
Kemm hi iebsa qalbek, mara, mixħuta fil-ħażen!
LEHEN TA' TFAL X'nista' nagħmel u neħles minn taħt idejn ommi?
LEHEN TA' TIFEL IEHOR Ħija l-għażiż, ma nafx. Aħna mitlufa!
KOR Nidħlu fid-dar?
Tassew li jmissna naqbżu għat-tfal
biex ma jisfgħux maqtula.
LEHEN TA' TIFEL F'isem l-allat, għinuna, għax issa neħtieġu
l-għajnuna tagħkom.
Qiegħda toqtolna. Inqbadt taħt is-sikkina tagħha.

KOR Qalbek magħmula tassew mill-blat jew mill-azzar,
inti li tista' toqtol
b'idejk il-ħlas ta' ġufek.
B'waħda biss smajt, mara waħda,
min-nies tal-qedem li refgħet idejha fuq uliedha,
Inu, li s-sema ġenninha meta mart Zeus
xeħtitha 'l barra minn darha u bagħtitha tiġġerra.
U minħabba l-qerq li bih xerrdet id-dmija
ta' wliedha hi xeħtet lilha nnifisha,
imsejkna, fil-baħar, u mxiet 'il barra
minn xifer l-irdum u b'hekk intemmet,
magħquda fil-mewt maż-żewġ subien tagħha.
X'jista' qatt ikun eħrex?

Imħabba ta' mara, mimlija tqanqil u tbatija,
liema ħażen u niket nissilt fid-dinja!

*Jidħol* ĠJAŻUN

ĠJAŻUN Intom, nisa, li tinsabu wieqfa biswit il-bieb,
Medea, hi li għamlet dan il-qtil faħxi,
għadha fid-dar jew ħarbet tiġri?
Għaliex se jkollha tinħeba taħt l-art
jew tintrefa' fuq il-ġwienaħ fil-għoli tas-sema
jekk trid teħles mill-qilla tas-sultan.
Qiegħda taħseb li, wara li qatlet lill-mexxejja tagħna,
se tasal taħrab minn din id-dar bla ma tieħu ħlasha?
Iżda jien m'iniex naħseb fija daqskemm qiegħed naħseb
fit-tfal — dawk li batew taħt idejha se jġegħluhom ibatu.
Ġejt neħles lil uliedi, qabel ma l-qraba ta' Kreon
joqtluhom biex jitħallsu tal-ħtija kerha
li għamlet ommhom.
KOR Ġjażun, li kieku taf kemm huwa kbir l-għawġ tiegħek,
dan il-kliem ma kontx tlissnu.
ĠJAŻUN X'inhu dan l-għawġ?
Li Medea qiegħda tfassal kif toqtol lili wkoll?
KOR Uliedek mejta. Idejn ommhom innifisha qatluhom.
ĠJAŻUN X'inhu? Qatlithom? Mara, int qridtni!
KOR Ifhem li issa wliedek m'humiex iżjed.
ĠJAŻUN Fejn qatlithom? Hawnhekk jew ġewwa?
KOR Iftaħ il-bibien u hemm issibhom maqtula.
ĠJAŻUN Intom, irġiel, iftħu l-bibien! Iftħu,
ħalli nara żewġ ħwejjeġ waħxija:
'l uliedi mejta u 'l-mara li se noqtol.

MEDEA *tidher fuq is-saqaf, bilqiegħda fuq karru misjuq mid-draguni, bl-iġsma taż-żewġ uliedha ħdejha*

MEDEA Għalfejn qiegħed tħabbat fuq dawn il-bibien,
tfittex lit-tfal mejta u lili li qtilthom?
M'hemmx għalfejn titħabat iżjed, jekk trid xi ħaġa minni,
għid kulma tixtieq. Tmissni b'idek qatt ma tista'.
Dan il-karru ngħatajt mix-Xemx, missier missieri,
biex nitħares mill-egħdewwa tiegħi.

ĠJAŻUN Int mara mistmerra, l-aktar waħda misħuta
mill-allat u minni u min-nisel kollu tal-bniedem,
inti li wasalt tniffed b'sikkina lil uliedek,
int, ommhom, u bla tfal ħallejtni,
int wettaqt dan kollu, u se tibqa' tħares
lejn ix-xemx u lejn l-art, wara dawn l-egħmejjel waħxija kollha?
Nixtieqek mejta. Issa qiegħed nara sewwa,
għad li dak iż-żmien ma rajtx, meta ħriġtek
minn art barranija

u ġibtek f'art Griega, int, ħaġa ħażina,
li ċħadt lil missierek u lil art twelidek.
Biex jitħallsu l-allat xeħtu s-saħta tiegħek fuqi.
Lil ħuk innifsu li kiber miegħek int qtiltu
meta rfist l-ewwel darba fuq il-mirkeb sabiħ tiegħi Argu.
Dan kien il-bidu tiegħek. Imbagħad sirt marti,
u raddejtli t-tfal; issa, għall-għira taż-żina qtilthom.
M'hemmx mara Griega waħda li setgħet tagħmel dan.
Minnhom ilkoll iżżewwiġt lilek, għażilt il-mibegħda u l-qerda,
tigra, mhux mara, b'xeħta aktar qalila
minn ta' Xilla fil-baħar Tuskani.
Ah, x'jiswa? Anqas li kelli kotra ta' kliem li jkasbrek
ma kont nasal inħammġek. Int iebsa minnek innifsek.
Mur, ħlejqa tal-ħażen, imċappsa bid-demm ta' wliedek.
Għalija fadal li nolfoq għal xortija,
għax m'iniex se nsib hena fl-imħabba ġdida tiegħi,
u lis-subien li nissilt u rabbejt qatt aktar
ma jiena se narahom ħajja. Ħajti ntemmet.

MEDEA Twila kienet tkun it-tweġiba li stajt nagħtik
għal kulma għedt, iżda Zeus missier kollox
jaf tajjeb x'ħidma tajtek darba, u kif inti
ħallastni tagħha. Tqarraqt jekk ħsibt
li stajt tixħet l-għajb fuq soddti u tgħaddi ħajja hienja
u tiddieħek bija. Tqarrqet ukoll is-sultana,
u magħha Kreon, meta ħadek b'raġel ta' bintu
u ħaseb li seta' jixħetni 'l barra bla ma jħallas tagħha.
Mela issa jekk trid tista' ssejjaħli tigra,
jew Xilla li tinsab fl-għerien tal-baħar Tuskani.
Jien ukoll ilqattlek qalbek, u dan li kelli nagħmel.

ĠAŻUN Inti wkoll qiegħda tbati. Għandek sehmek fin-niket tiegħi.

MEDEA Tassew, u n-niket tiegħi hu qligħ meta int ma tistax tiddieħek bih.

ĠAŻUN Uliedi, x'omm ħażina kienet din għalikom!

MEDEA Uliedi, il-qerq ta' missierkom swielkom il-ħajja.

ĠAŻUN Ma kinitx idi li qerdithom.

MEDEA Iżda kien it-tkasbir tiegħek, u martek li żżewwiġt l-aħħar.

ĠAŻUN U għal dan biss għażilt li toqtolhom.

MEDEA Taħseb li l-imħabba hi tbatija żgħira għal mara?

ĠAŻUN Għal mara għaqlija, iva. Iżda int kollok kemm int ħażina.

MEDEA It-tfal mejtin. Ngħidlek dan biex inġiegħlek tbati.

ĠAŻUN It-tfal, naħseb, se jniżżlu s-saħta fuqek.

MEDEA L-allat jafu min nissel dan in-niket.

ĠAŻUN Iva, l-allat jafu tassew, jafu bil-qalb mistmerra tiegħek.

MEDEA Obgħodni. Kemm nistmerr dan l-inbiħ qares tiegħek!

ĠAŻUN U jien nistmerr tiegħek! Jaqbel li nħallik.

MEDEA Mela? Jien x'għandi nagħmel? Xi trid mingħandi?

ĠAŻUN Agħtini 'l uliedi biex nidfinhom u rroddilhom l-aħħar qima.

MEDEA Le, m'iniex se nagħtihomlok. Jien innifsi se nidfinhom,
se nġorrhom sal-maqdes ta' Ħera fuq dak l-ilsien
ta' l-art fil-baħar,

biex ħadd mill-egħdewwa tiegħi ma jiftaħ qabarhom
u jkasbarhom.
F'din l-art ta' Korintu se nniedi qima qaddisa u debħa
kull sena ~~biex~~ titnaddaf din il-ħtija mdemma.
U jien innifsi se nitlaq lejn l-art t'Erettew
biex ngħammar f'dar Eġew, iben Pandjun.
Waqt li inti, kif jixraq, tmut mewta minsija,
b'rasek mgħaffġa bi njama mill-qafas ta' Argu,
u tintemm il-ġrajja msejkna ta' mħabbtek għalija.

ĠJAŻUN Is-saħta ta' demm uliedi tinżel fuqek!
U l-Ħaqq jiqliel u jeqirdek!

MEDEA Liema qawwa tas-sema se tagħti widen
lil min jikser il-ħalf u jqarraq?

ĠJAŻUN Qattiela mniġġsa u moqżieża tat-tfal!

MEDEA Mur id-dar, idfen lil martek.

ĠJAŻUN Se mmur, missier imċaħħad minn uliedu.

MEDEA Ma ddumx ma tisgħob. Ix-xjuħija riesqa fuqek.

ĠJAŻUN Uliedi. Kemm kontu għeżież għalija!

MEDEA Għeżież għal ommhom, mhux għalik.

ĠJAŻUN Kienu għeżież, u qtilthom.

MEDEA Iva, biex niksirlek qalbek.

ĠJAŻUN Ah, imsejken li jien, kemm nixtieq
li nbus ix-xofftejn għeżież ta' wliedi!

MEDEA Issa tixtieq tkellimhom, issa tixtieq tbushom.
Int l-ewwel ċħadthom.

ĠJAZUN F'ġieħ l-allat, ħallini mmiss laħamhom tari.

MEDEA M'iniex se nħallik. Kliemek nifs moħli.

ĠJAŻUN Zeus, qiegħed tisma' kif qiegħda tiddieħek bija,
tkasbarni, din il-bhima mqita,
imtebbgħa bid-demm ta' wliedha?
Iżda issa, sakemm fid-dgħufija tiegħi nista',
nitbekka dan il-jum imnikket
u nsejjaħ lill-allat biex jixhdu
kif int qtilt lil uliedi, u issa tiċħadli
li mmisshom jew nidfinhom.
Aħjar qatt ma nissilthom,
biex issa narahom maqtula minnek!

KOR Zeus f'Olimpu jara bosta ħwejjeġ.
Bosta ħwejjeġ li qatt ma stennejna l-allat iwettquhom.
U l-ħwejjeġ li ħsibna li se jiġru qatt ma jiġru.
U l-mogħdijiet li ma nagħarfuhomx l-allat jikxfuhom.
Dan hu li seħħ f'dil-ġrajja.

Issettjat u mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern

Din il-pubblikazzjoni ġiet ippreparata
mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern
għall-inawgurazzjoni tat-Teatru f'Ta' Qali
fis-26 ta' Settembru, 1990

© Oliver Friggieri